# IL-HARRIEĠA

Kemm-il darba tkellimna fuq Wenzu u Rożi fi xjuhithom. Fuq żgħożithom qatt ma għidna xejn: qishom dawn it-tnejn min-nies qatt ma kienu żgħażagħ. U, biex naqbdu minn sieqn proverbju magħruf, minn imut kwadru ma jkunx twieled tond. Hekk Wenzu. Kif kien fi xjuhitu, kien meta kien għadu ġuvnott ta' xi għoxrin sena, imżattat imżattat, fuq ruhu, ma jerhiha lil hadd, ras taż-żonqor, u habib fidil tal-inbid, speċjalment tal-inbid ta' Kurun, li dak iż-żmien kien ġa fetah il-hanut li fih Wenzu kellu igħaddi tant iljieli ferrieha.

F'żogħżitu, Wenzu ma kienx ikrah - anzi minn jaf kemm-il qalb ta' xebba qasam, għax kellu hafna min iridu. Kellu għajnejh żgħar, suwed, ileqqu u jitbissmu dejjem, jisirquk. Meta kien jilbes dik is-sidrijja tal-putan kannella, bil-milsa f'rasu u l-ġummiena fuq spalltu x-xellugija, u dik it-terha li kellha l-kuluri kollha tal-qawsalla, jew inkella meta kien ibiddel għall-festa jew għal xi harġa, bil-qalziet inkaxxat inkaxxat, ġlekk iswed twil u n-nofs tomaa fuq rasu, minn jaf jaf kemm-il tniegħda ta' mhabba harġet u kemm għajnejn inqalbu 'l fuq minn wara l-persjani tad-djar, mnejn ix-xebbiet tar-rahal kienu jaraw lil Wenzu għaddej.

Għax dari, biex tara wiċċ ta' xebba u tkellimha, kont trid tagħmel wiegħda. B'dik l-għonnella tgħattilhom wiċċhom, bil-kemm jixirfu mid-dar hlief biex imorru l-knisja, mgħassin aktar mill-bhajra ta' ma' dwar l-għarix, ix-xebbiet ta' żmien bużnannietna kienu qishom dawk ir-relikwiji li jżommu mgħottijin b'xi purtiera, u li ma tistax tara qabel ma jkollok permess speċjali u tixgħelilhom xama'.

B'dana kollu, kien hemm ukoll xi okkażjonijiet li fihom il-komma tad-dixxiplina kienet titwessa', u dawn kienu il-festi tal-Parroċċi, u festi oħrajn bhal San Girgor, Lapsi, u l-Imnarja. Dak iż-żmien, meta divertiment kien hawn wisq anqas milli hawn illum, dawn il-festi kienu jgawduhom sewwa, u kienu jistennewhom bil-hrara u minn sena għal ohra. Mhux biss: anzi meta xebba kienet tiġi biex tiżżewweġ u tersaq għall-kuntratt li ahna nsejhu l-kitba taż-żwieġ, wahda mill-kondizzjonijiet li kienu jitniżżlu kienet dik, li l-għarus jiehu s-siehba għall-festa tal-Imnarja. Ahna llum nitbissmu meta, fl-ixkafef tal-

./......

arkivju, insibu xi kuntratt bhal dawn. Imma haġa bhal din turina kemm kienu jistmawhom dawn il-festi, in-nies ta' qabilna; u barra minn hekk turina ukoll il-ħlewwa u s-sempliċita' ta' hajjithom. Ma' dan kollu, il-leġl tal-Imnarja fil-Buskett ghadu popolari sal-lum, kif ghadhom ukoll il-festi tal-Parroċċi.

Imma, biex inkomplu bl-istorja taghna, kien f'wahda minn dawn l-okkażjonijiet li Wenzu lemaħ ghall-ewwel darba lil dik li ghal tant snin kellha tkun is-siehba tieghu.

Kien il-lejl tal-Imnarja, u Wenzu kien ma shabu jixxala fil-Buskett. Kienet ġa iffurmat ruhha dik il-kumpanija famuża, li aktar tard saret qisha fratellanza li kellha s-sedi taghha fil-hanut ta' Kurun; u ghalhekk kellu mieghu lill-ispiżjar, u lin-Nutar is-Sur Ġiżmond, li dak iż-żmien kienu ghadhom kif lahqu; lil Ġakku is-sagristan, lil Gori l-gabillot, u, m'hemmx ghalfejn nghidu, lil Kurun tal-inbid. Kienu qeghdin fuq mejda taht wahda minn dawk is-siġar il-kbar fejn illum issir il-Wirja tal-Biedja fl-Imnarja. Quddiemhom u warajhom imwejjed ohra mimlijin nies, kulhadd ihaxxex u jlegleg, u ma' dwarhom geġwiġija ta' nies, minn jiċċajta, minn jidhak, min ighanni. Mal-frieghi tas-siġar, 'l hawn u 'l hemm, hafna fanali mdendlin, li kienu jaghtu lill-Buskett xahta ta' xi haġa barra minn din id-dinja. Mill-kumpanija ta' Wenzu u shabu, kullhadd kien iżżewweġ barra Wenzu u Gori, u s-suġġett ta' kliemhom dak il-hin kien iż-żwieġ. L-ass waqa' fuq Wenzu.

"Allura, meta se titmaghna ċappa ross, Wenz?" staqsih in-Nutar. "Jekk trid ir-ross, mur ixtrih, Manif, ghax jien ma rridx naf bi żwieġ!" wieġeb Wenzu.

"U isa, Wenz!" qallu Kurun. "Jien qed nistenna li nixrob darba li tibqa' tissemma fl-istorja!" "Imma mill-btiehi tieghek", kien pront wieġbu Wenzu; u wahhal ma' halqu l-kwarta tal-inbid mill-ahjar li Kurun kien ġieb mieghu biex wiehed ikollu biex ibill griżmejh.

"Ghaddek menjn ma tfajtx ghajnejk fuq xi hadd!" tenna n-Nutar.

"Ghidtlek, Sur Ġiżmond," qallu Wenzu, "la tfajt u anqas nitfa.Jien marridx naf bi żwieġ." U ghaddas rasu fuq il-platt, fejn biċċa wisk ta' fenek kienet qed thabbtu sewwa, ghax ma setghax jaqbadha bil-furketta. Kull darba li jaghtiha s-salt, tahrablu minn tarf ghal iehor tal-platt, u darba minnhom ghal ftit ma taretx minn fuq ix-xifer tal-mejda ghall-art.

./......

"Terħilħiex, Wenz!" qallu biex jinbxu n-Nutar. Allura Wenzu, li kellu metodu effettiv ħafna biex isolvi l-problemi, qabad il-wirk tal-fenek b'subgħajh, waħħlu mal-furketta b'mod li ma jaħrabx żgur, fetaħ ħalq daqs purgatorju, u daħħal fih il-furketta bil-wirk qisu furnar qiegħed idaħħal ħobża fuq il-pala ġo forn. Imma Wenzu bil-kemm kien għadu rtira l-furketta minn ġo ħalqu x'ħin sħabu rawh jiftaħ ħalqu u jgħalqu u jerġa' jifthu qisu ħuta għada kif telgħet l-art mas-sunnara; iberraq għajnejh qisu ġrinġ bl-adenojdi; u jibqa' ċċassat bħal kokka bbalzmata.

Is-Sur Ġiżmond, l-ispiżjar u l-oħrajn ħadu qata. Ħasbu li kien qiegħed iħossu ħażin.

"X'għandek Wenz?" staqsa s-Sur Ġiżmond.

"Blajt għadma?" qallu Gori, fil-waqt li qam biex jagħtih fuq daru, b'id daqs pala tal-bajtar.

Wenzu baqa' ċass bħal kelb tal-kaċċa meta jipponta fuq gamiema moħbija ġo siġra. Sħabu bdew jikkonfondu. Imma fl-aħħar, Wenzu beda ġej f'tiegħu ftit ftit. Minn kokka bbalzmata sar kokka ħajja.

"Nirtira dak kollu li għidt fuq iż-żwieġ!" qal.

"Issa qiegħed jifhem l-antem" għajjat is-Sur Ġiżmond.

U għajnejh, u għajnejn l-ispiżjar, għajnejn Kurun u għajnejn Gori daru lejn fejn kienu ċċassati għajnejn Wenzu. U hawn, iż-żmien qisu waqaf, għax il-mument kien storiku. Dawk il-ħames pari għajnejn kienu qegħdin jilmħu għall-ewwel darba lil Rożi - li kellha tilgħab parti hekk importanti fil-ħajja ta' dawn in-nies, speċjalment ta' Wenzu. U kellhom tassew għalfejn jiċċassaw! Rożi kellha wiċċ ma tpinġihx. Par għejnejn kbar suwed li kienu jkellmuk u qishom jitbissmu; imnieħer perfett, kemm kemm ippuntat qisu biex iwissi li ma jħallix dubbien joqgħod fuqu kif ġieb u laħaq; par xuftejn qishom imfasslin minn l-aqwa skultur grieg; u sett snien li, meta titbissem, jidhru bejn dawk ix-xuftejn ħomor ħomor qishom żerriegħa tar-rummien. Barra minn hekk, Rożi kienet żgħira mill-persuna imma rqiqa, ħafifa u fuq tagħha. Kienet liebsa bis-satin iswed minn fuq s'isfel, u wiċċha u idejha sbieħ u roża kienu jaqtgħu fuq l-iswed tal-libsa qishom wiċċ u idejn ta' xi kwadru sabieħ antik fuq sfond skur. Id minnhom kienet

./......

qeda terfa' kemxejn id-dublett, b'mod li libsa ta' taht kollha pnatar u bizzillel kienet tidher tahtha fuq naha wahda, u 'l isfel aktar, kien jittawwal żarbun tal-alakka ppuntat.

Wenzu qata' nifsu. Il-biċċa fenek li kien ghadu kif deffes f'halqu ma riedetx tinżillu, u l-balla ta' gerżumtu bdiet tiela u nieżla qisha ghasfur li fuqu n-nassab ghadu kif qaleb ix-xbiek.

U xejn inqas minn ghasfur ġo xbiek kien inqabad Wenzu! Ahna, li mdorrijin b'Rożi fi xjuhitha, imkemmxa u bla snien u tredden minn dlam sa dlam, insibuha bi tqila nġibu quddiem ghajnejna 'l Rożi ghadha żaghżugha, ward ta' grazzja u ta' ġmiel. Eh! Iż-żmien, x'ċajt ikrah jiċċajta maghna!

****

L-ghada filghaxija, fil-hanut ta' Kurun, Wenzu sar jaf kull ma kellu jaf; Gori l-gabilott, xekkiek tal-prim, tkixxef minn hawn u ċerker minn hemm, sab li Rożi kienet toqghod f'rahal ftit boghod mir-rahal ta' Wenzu u shabu. Kienet iż-żghira fost iż-żewġ ulied ta' Mastru Mikiel ta' Fewġa, buttar. Ohtha, Zolli, kienet akbar minnha xi hames snin. Lil Wenzu qallu li fuq wahda mid-dqaqen jew harriġiet ta' hdejn it-tieqa tad-dar fejn kienet toqghod Rożi, kien hemm qasrija bi qronfla, b'sinjal li f'dik id-dar kien hemm xebba ghaż-żwieġ. Dak li ma qallux, dak il-makkak - u dan bi ftehim ma' dawk il-galantomi l-ohra ta' l-ispiżjar, in-nutar, u Ġakbu s-sagristan-kien li x-xebba li kien hemm ghaż-żwieġ ma kienetx Rożi, imma ohtha Zolli, ghax Zolli, billi l-kbira, kellha tinqala' qabel.

"Allura, nohtobhielek, Wenz?" qallu dik il-lejla Gori fil-hanut ta' Kurun.

U Wenzu, li minn ghalih qed ighidlu ghal Rożi, wieġbu malajr:

"Mhux li kont! Jekk iġġibha żewġ, Gor, inhallaslek ikla, u nbid kemm trid."

"Halli f'idejja, Wenz!" tenna Gori. "Ghada stess nasal wasla sar-rahal ta' Mikiel ta' Fewġa, u mmur inkellmu f'daru."

./......

"Filghaxija, x'hin niltaqghu hawn, ngharrfek b'dak li jkun sar".

U hawn il-hbieb xorbu bis-sahha ta' Wenzu; u s-Sur Ġiżmond, li bhala Nutar, li kien jaf id-dinja bi ħġara, kien jaf ukoll lil Zolli, meta ġieb quddiem ghajnejh kif se jibqa' Wenzu meta, flok issib lil Rożi, isib lil Zolli, xeraq fl-inbid, u ghal daqsxejn ma kienx se jifga.

Għax, daqs kemm kienet tiġbdek Rożi, daqstant iehor kienet nieqsa mill-grazzja Zolli. Mhux biss kellha wiċċ la ma kienx mudell ta' sbuhija, imma ukoll kienet ta' natural iebes, żorr, imqarras, lest dejjem biex isib il-hażin, anki fejn m'hemmx. Billi ommhom kienet mejta, Zolli kienet hadet f'idejha r-riedni tad-dar u kienet tikkmanda b'id tal-azzar. Kienet ġa tgharrset darbtejn; imma wiehed minnhom, Wiżu Mnieher, mhux ta' b'xejn kienu laqqmuh hekk, ghax ma damx ma xamm x'kien ġej ghalih, u dabbar rasu baxx baxx u siefer. L-iehor, Kalanġ in-Nghaġa, meta kien ilu jaf lil Zolli xi ftit ġimghat, ghamel f'qalbu, iffitta - u dahal ajk.

Kien ghalhekk li, ghat-tielet darba, mastru Mikiel kellu johroġ il-qasrija fuq il-harrieġa. Dak iż-żmien, it-twieqi tal-kamra ta' fuq, jew l-ghorfa, tad-djar ta' Malta u Ghawdex, kien ikollhom, fuq kull naha, il-harrieġa, jew ġebla forma ta' mensola hierġa mill-hajt, li fuqha kienu iqieghdu qasrija bil-ward kull meta kien ikun hemm xi xebba ghaż-żwieġ. U dik il-lejla stess, Wenzu u Gori ftehmu li jmorru sar-rahal ta' Mikiel ta' Fewġa, jersqu taht it-tieqa fejn wahda mill-harriġiet kellha l-qasrija, biex Wenzu ighanni ghanja waqt li Gori jikkumpanjah bil-kitarra. B'hekk Wenzu kien ikun jaf jekk ix-xebba tridux jew le; ghax jekk wara l-ghanja, ix-xebba kienet tiftah it-tieqa u tittawwal, jiġifieri li hi kuntenta bl-ghannej; jekk it-tieqa kienet tibqa' maghluqa, kien sinjal li ir-relazzjonijiet diplomatiċi kienu ftit u xejn batuti. Jekk l-ghanja tiġi milquta tajjeb, ftehmu hu u Gori, il-hotba tissokta; jekk le, allura ibiddlu l-pjan tal-battalja, u jaraw x'jaghmlu. Telqu mill-hanut, marru r-razzett ta' Gori, armaw il-bghal u l-karettun, u ftit wara kienu taht it-tieqa ta' Mikiel ta' Fewġa, Gori lest bil-kitarra kkurdjata f'idu, u Wenzu jirranġa griżmejh lest biex ighanni.

Kien lejl ta' qamar sabih; u Wenzu u Gori, li kienu fid-dawl tal-qamar, kienu jintgharfu sewwa.

./.....

Issa ġara li dik il-lejla, Zolli ma kienetx id-dar: kienet marret torqod ma' oħt missierha, armla, li kellha tgħaddi l-lejl f'għarix fuq bejt ta' girna, biex tindokra l-bħajra. Mikieħ kien rieqed fil-fond, u anqas kanun ma kien iqajmu; Rożi, li kienet qiegħda weħidha fil-kamra fejn soltu kien ikun hemm oħtha Zolli, kienet ilha tipprova torqod, u ddur 'l hawn u 'l hemm sa kemm jiġiha n-ngħas, x'ħin f'daqqa waħda, minn taħt it-tieqa, tisma' daqq ta' kitarra igħaxxqek. Gori kien ta' sengħa kbira biex jikkumpanja l-għana: taħt subajh, il-prejjem kienu jkellmuk, u l-burduni jidħlulek f'qalbek. Rożi kienet qed titgħaxxaq bid-daqq, x'ħin f'daqqa waħda leħen tenorili sod u qawwi daħal u ntiseġ mad-daqq tal-kordi:

"Minn di t-triq għaddejt u ngħaddi,
għax f'di t-triq għandi qasrija
Fejn Iwarrad ward l-imħabba,
Ward il-hena u s-sbuħija"

Rożi ħasset qalbha tħabbat u tferfer bħal ma jferfer farfett f'idejn tifel. Qamet mis-sodda, tkebbet tajjeb b'xall madwar rasha, spellejha u qaddha, u bdiet riesqa bil-mod il-mod lejn it-tieqa. Minn barra, dak il-leħen tenorili kien qiegħed igħanni b'leħen miksur:

"Taħt it-tieqa ġejt ngħannilek
F'dan is-skiet ta' lejl sabieħ;
Ixref ftit bil-ħelu wiċċek:
Jekk narak, qalbi tistrieħ."

U Rożi xirfet. Wenzu ra t-tieqa tinfetaħ u qalbu dak il-ħin, waqqfet. Imbagħad ra id toħroġ mit-tieqa, toqrob lejn il-qasrija fuq il-ħarrieġa, taqta' qronfla mix-xitla u titfagħha għal fuqu.

Kieku niżlet fuqu il-manna, Wenzu ma kienx iħoss dak li ħass. Ġabar il-qronfla, ressaqha ma' xoftejh, u biesa.

Dak il-ħin, it-tieqa reġgħet ingħalqet.

Dak li ħass Napuljun wara l-famuża vittorja ta' Austerlitz ma kien xejn ħdejn dak li ħass Wenzu meta ra dik l-anġlu ta' xebba li kien lemaħ l-Buskett jista' igħid li hi tiegħu. U minn-naħa tagħha, Rożi, li kienet għarfet, fid-dawl ta' qamar, lil dik li kien berrqilha tant fil-lejl tal-Imnarja, u li

./......

kienet ħadet grazzja mieghu, marret ħorqod, biex toħlom ħolm miġli ward bla xewk fuq dak li kellu ikun is-sieħeb ta' ħajjitha.

******

L-ghada, kif kien ftiehem ma' Wenzu, Gori rama' l-baghal u tlikki tlikki mar lejn ir-raħal ta' Rożi, biex isib lil missierha Mikiel fil-ħanut fejn kien jaħdem ta' buttar. Ix-xorti riedet li Mikiel kien waħdu, isaħħan xi planki tal-injam biex jaghmel bettija. Gori rabat il-bghal ma' marbat li kien hemm ħdejn il-ħanut, sellem lil Mikiel, u poġġa bil-qieghda fuq gozz injam li kien hemm ħdejn il-bieb tar-remissa.

"Fhix ghandi nservik, ħabib?" staqsa Mikiel.

"Ma ġejtx inkellmek fuq xoghol," qallu Gori, "Imma fuq ħaġa li tolqtok bħala missier."

Qalb Mikiel ghamlet tikk. Fl-aħħar, qal, kien se jsib sieħeb ghal Zolli, ghad li kien qata' qalbu.

"Naf li ghandek xebba ghaż-żwieġ", kompla Gori, minghajr ma semma x'jisimha.

"Hekk hu!" wieġeb Mikiel. "Xebba ghaqlija, b'saħħitha, bieżla..."

"Tgħidli xejn" waqqfu Gori. "Malta żghira u n-nies maghrufa. Jien mibghut minn wieħed li jrid jiżżewweġ ghandek, jekk ghandek pjaċir bih."

Jekk inhu ġuvni sewwa, u ghaqli, u jaqlaghha..." qallu Mikiel.

U hawn, Gori kixef il-karti, u qallu b'Wenzu. U billi Mikiel kien jafu - ghax Wenzu kien ħabba ħażina, kulħadd kien jafu - u kien jaf li kien ġuvni kapaċi fis-sengha tieghu u bin is-sewwa, aċċettah bħala kunjatu, u ftieħem ma Gori li d-dota tkun (barra lbies u xi ħaġa tal-ghamara), ghoxrin lira u makna tal-ħjata. U dan kollu minghajr ma ssemma darba waħda biss l-isem tal-gharusa. Gori, dak ix-xadin, kien ġiebha fejn ried hu. U telaq minn fejn Mikiel bil-wieghda li l-ghada Wenzu kellu jmur hu stess biex jitlob lil Mikiel li jżewġu lil bintu.

******

./......

L-għada filgħaxija, Wenzu, liebes gala, bil-qalziet iswed dejjaq dejjaq, il-ġlekk iswed twil wisu ġustakor, u dik l-imbierka nofs tomna, daħal għall-ewwel darba fid-dar ta' Mikiel, li laqgħu bl-unuri kollha. Xorbu flimkien, ċekċku t-tazzi, taptpu fuq spallejn xulxin qisħom Ġwanni u Martin li f'għomorhom m'għamlux ħlief jieklu l-kirxa flimkien, u ftiehmu fuq id-dota - l-ilbies, l-għamara, l-għoxrin lira, u l-makna tal-ħjata. Wara ħafna ċekċik u taptip, Mikiel qal lil Wenzu:

"Issa xieraq li, qabel ħmur, insejjaħ lill-għarusa, xi tgħid?"

Wenzu ma qalx le.

Waqt li Mikiel kien fil-kmamar ta' ġewwa biex ifittex lil bintu, Wenzu, lest lest biex jerġa' jara dik id-dehra ta' ġmiel li kien ra l-Buskett fil-lejl tal-Imnarja, ilixxa xagħru, iddritta l-ingravata, qafel u rranġa l-ġlekk, tefa' sieq 'l hawn u sieq 'l hemm, u qagħad jistenna qisu ġeneral lest biex jirbaħ id-dinja. Wara ftit daħal Mikiel.

"Ġejja l-għarusa" qallu bl-arja ta' Kardinal qed iħabbar li għadu kif intgħażel Papa.

Wenzu, bil-ħsieb li se jerġa' jil Rożi, qabditu rgħoda, demm tela' għal rasu, beda jistrieħ issa fuq sieq, issa fuq l-oħra, u l-bolla ta' gerżmtu bdiet tiela u nieżla qisha sufrun f'baħar qawwi. Sammar għajnejh fuq il-bieb minn fejn kellha titfaċċa l-maħbuba tiegħu, u hemm, qisha ħolma kera wara ikla ġobon, dehret Zolli, imlibbsa satin roża minn fuq s'isfel, b'xagħarha miġbud 'il fuq u magħmul forma ta' qara ħamra, spellejn li kienu jmissu mal-ġenbejn tal-bieb, kull driegħ daqs perżuta, u mrewħa f'id waħda, trewwaħ, u b'hekk tikxef u tgħatti wiċċ ta' qamar kwinta u ħalq imċarrat minn naħa sa' oħra b'kull sinna daqs ta' żiemel, u xi tnejn neqsin.

Wenzu twerwer. Imsarnu bdew igorru, u qalbu tfixklet fi griżmejh. Ipprova jitkellem, imma minn ħalqu ħareġ dak il-ħoss li joħroġ minn ħalq tiġieġa meta jressqulha s-sikkina m'għonqha.

Mikiel ħares lejn Wenzu biex jara x'effett kellha fuqu dik il-viżjoni.

./......

"Allura, Wenz?"

Wenzu bil-kemm seta' jsib il-vuċi, u b'leħen ta' fellus ħiereġ mill-bajda, staqsih:

"Mela din?"

"Mela l-oħra?% qallu Mikiel.

"Din Rożi?"

"Le, dik Zolli".

"Imma jien," temtem Wenzu, "lil Rożi bgħatt noħtob!"

"Gori ma qalli xejn minn dan," wieġbu Mikiel. "Jien xebba waħda għandi għaż-żwieġ bħal issa. Zolli l-kbira u Zolli trid tiżżewweġ l-ewwel."

Hawn Zolli rwiet l-imrewħa minn idha, għamlet il-ponnijiet fuq ġenbejha, u resqet lejn Wenzu.

"U jekk ma ngħoġbokx..." bdiet tgħidlu.

Wenzu, daħru mal-ħajt, bilkemm kellu saħħa igħid:

"Kien hemm xi żball. Imbagħad nitkellmu..." Qabad in-nofs tomna, għaddasha f'rasu, u lebbet 'il barra bil-ħeffa ta' balla ħierġa minn kanun.

******

Terremot ħalla warajh Wenzu fid-dar ta' Mikiel, u terremot ieħor għamel hu ma' Gori, fil-ħanut ta' Kurun, dik il-lejla. Gori għamilha ta' l-iblaħ biex ma jħallasx dwana. U tant qallu, u tant qaleb għajnejh lejn is-sema li ipperswadih li ma kellux tort. Anzi ppropona li dik il-lejla stess jerġgħu imorru bil-kitarra u bl-għana taħt it-tieqa, biex jaraw Rożi għadiex bl-istess ħsieb. U hekk għamlu.

Imma Brejbes ried li dik il-lejla kien imiss lil Rożi tmur tindokra l-bħajra ma' zitha fl-għarix fuq il-girna. Għalhekk kienet Zolli li semgħet l-ewwel il-prejjem u l-burduni ta' Gori, imbagħad lil leħen Wenzu; u dan l-għana ħaditu b'offiża; u Zolli, l-offiżi, ma kienetx tħallihom għaddejjin lixxi. Mur igħidlu, lil Wenzu, miskin, li xejn ma kellu għalfejn jifraħ x'ħin ra t-tieqa titbexxaq, u id ħierġa mit-tieqa u tersaq lejn il-qasrija. Dak il-ħin il-qamar kien staħba wara sħaba, għalhekk la Wenzu anqas Gori ma raw id-differenza

./......

bejn dik l-id u l-id li kienu raw ħierġa mit-tieqa d-darba ta' qabel. Bit-tama li dik l-id se titfagħlu qronfla oħra, beda igħanni:

"Taħt it-tieqa ġejt ngħannilek,
Ħalli nara jekk tħobbnix,
Ixref naqra ħa tħennini,
Lil dil-qalb la tiksirlix".

Lil qalbu ma kisritielux, imma lil rasu kienet taqsamhielu fi tnejn, li ma kienetx dik l-imbierka nofs tomna. Għax Zolli, idha kienet ħarġitha biex taqbad il-qasrija, u tixħetha għal fuq ras Wenzu. U l-qasrija, minn fuq in-nofs tomna ta' Wenzu waqgħet għal fuq sieq Gori, preċiż preċiż fuq sebgħu il-kbir fejn kellu daqsxejn ta' kallu daqs arzella.

U l-ħbieb tagħna, Wenzu jogħrok rasu, u Gori jwaħwaħ b'sebgħu u jiġbed bl-akbar devozzjoni, marru lura bħall-armati ta' Napuljun - mhux wara r-rebħa ta' Austerlitz, imma wara ir-ritirata minn Moska.

******

B'dan kollu, kif wara l-maltemp jiġi l-bnazzi, l-affarijiet ikkalmaw għal Wenzu u għal Rożi. Mikiel, magħsur bejn Rożi u Zolli, minn naħa, u dak il-pittma ta' Gori mill-oħra, kellu jċedi; ikkuntenta li lil Wenzu iżewġu liż-żgħira: hekk almenu jibqalu lil Zolli biss ma' min iħabbat wiċċu. Għalhekk bgħat għal Wenzu fil-ħanut tiegħu ta' buttar, u qallu:

"Ara, Wenz. Jiena wiegħdt dota ta' lbies, għamara, għoxrin lira u makna tal-ħjata lil min jieħu l-kbira. La inti se tieħu ż-żgħira, l-affarijiet l-oħra toħodhom, imma l-makna le."

U Wenzu, ras taż-żonqor, kien pront wieġbu:

"Nieħu ż-żgħira, u nieħu l-makna!"

U kaspitina, liż-żgħira ħa, u bil-makna b'kollox!

-0-0-0-0-0-0-